# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA
## - SEDE KOSTITUZZJONALI -

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Gimgha 27 ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru : 61/2017/LSO**

**Anthony Mario Vella et**

**vs**

**Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali et**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu **46(2) tal-Kostituzzjoni** u **tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319** rigwardanti talba tar-rikorrent li permezz tal-istess qed jitlob rimedju provizorju ("*interim measure")* fis-sens li sakemm jigu decizi dawn il-proceduri din il-qorti tissospendi l-effetti ta' sentenza deciza nhar it-18 ta' Lulju 2017 mill-On. Qorti tal-Appell fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc v Anthony Mario Vella et**. Skont din is-sentenza gie deciz l-izgumbrament tar-rikorrent mill-fond

ossia garaxx bl-isem Jonathan, gewwa Triq Tumas Fenech, Qormi u mill-mezzanin bl-isem Walnut Grove, fi Triq Tumas Fenech, Qormi, it-tnejn minghajr numru ufficjali. Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tordna li ma jsehhx l-izgumbrament ordnat.

Illi r-rikorrent ressaq din it-talba *in limine.*

Ikkonsidrat li r-rikorrent, permezz tar-rikors promotur qed jilmenta li ma inghatax smigh xieraq fil-proceduri imsemmija *stante* li fil-verbal tal-25 ta' Gunju 2012, fl-assenza tieghu, id-difensur tal-Bank kreditur informa lill-Qorti li l-partijiet lestew mill-provi u konsegwentement il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza. B'hekk gie imcahhad mill-jedd tieghu li jinstema' u jaghti l-verzjoni tieghu biex jirribatti t-talbiet tal-attur f'dawk il-proceduri.

Rat ir-risposta tal Avukat Generali a fol 47 tal-process fejn oppona ghat-talba ghar-ragunijiet hemm dedotti.

Rat ir-risposta tal-HSBC Bank Malta plc a fol 57, li hija kjamata f'dawn il-proceduri fejn opponiet ghat-talba ghar-ragunijiet hemm dedotti fosthom *stante* li kienet eccepiet fir-risposta principali li t-talba kostituzzjonali u konvenzjonali maghmula mir-rikorrent hija frivola u/jew vessatorja.

**Fatti fil-Qosor**

Ikkunsidrat li fit-28 ta' Lulju 2006 giet liberata a favur tal-Bank il-proprjeta' imsemmija . Il-Bank ipproceda ghall-izgumbrament tar-rikorrenti permezz tal-proceduri in mertu fit-termini tal-artikolu 167 *et sequens* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dawk il-proceduri l-intimati kienu eccipew li kienu krew il-fondi lil binthom, ir-rikorrenti Vanessa Vella. Fil-mori r-rikorrenti odjerni istitwew proceduri biex jannullaw is-subbasta izda din it-talba giet michuda b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li giet ikkonfermata fl-Appell.

Illi l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza fid-29 ta' Ottubru 2012 fl-assenza ta' provi tar-rikorrenti odjerni dwar l-allegat titlu ta' binthom. Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza izda b'sentenza tat-18 ta' Lulju 2017 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata u ordnat l-izgumbrament tar-rikorrenti odjerni fi zmien xahar mid-data tas-sentenza.

In segwitu l-Bank ipproceda b'mandat ta' zgumbrament u b'Digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Marzu 2018 (fol 44) gie sospiz l-ezekuzzjoni tal-mandat sakemm jigi trattat u deciz ir-rikors odjern u ordnat n-notifika tar-rikors u tad-digriet lill-HSBC Bank Malta plc u lir-Registatur Qrati Civili u Tribunali.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-principji enuncjati li jirrikonoxxu n-natura straordinarja ta' mizuri provizorji fl-ambitu ta' drittijiet fondamentali, u l-applikazzjoni tal-principju ta' *res judicata.*

Hekk fid-decizjoni fl-ismijiet **Raymond Caruana v. L-Avukat Generali, Rik. Nru. 36/03** moghtija fit-23 ta’ April 2004 gie ribadit li : "*skont il-prassi taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 'interim relief' jinghata meta 'there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm' u generalment jinghata f’kazijiet fejn hemm 'an alleged risk to life or ill treatment' fosthom kazijiet ta’ ‘deportation’ u ‘explusion’ ghal stati fejn ir-riskju ghall-hajja huwa kbir hafna."*

Hekk kif gie ribadit: "*An interim measure is an ECtHR order that the status quo be maintained pending the Court’s determination of a claim. In other words, it is an order that a State temporarily carries out/refrains from carrying out a particular action. Interim measures are granted by the Court in cases where ‘there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment of the core rights under the ECHR."* (**Mamatkulov and Askarov v Turkey)** (App. No. 46827/99).

Ghal dak li jirrigwarda l-principju ta' *res judicata,* fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Emanuel Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier pro et noe et, Rik. Nru. 21/05** moghtija fl-4 ta' Lulju 2005, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghamlet is-segwenti osservazzjoni: "*ghalkemm huwa minnu illi, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, din il-qorti ghandha wkoll is-setgha li tholl lill-partijiet mir-rabta ta' res judicata jekk dan ikun mehtieg biex taghti rimedju kontra ksur ta' drittijiet fondamentali, dan ma ghandux isir leggerment <u>u zgur mhux qabel ma tkun inghatat sentenza li ssib illi tassew kien hemm dak il-ksur</u>. Allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali ma hijiex ekwivalenti ghal sejbien gudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija ghal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-process gudizzjarju u l-finalità ta' res judicata illi sentenza tinzamm milli titwettaq ghax xi hadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali. Fil-fehma ta' din il-qorti, sentenzi li saru res judicata ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod iehor.*"(sottolinear ta' dik il-Qorti).

Illi madanakollu, din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz **Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et** (PA (Kost) - per On.Imh.J.R.Micallef - 2 ta' Gunju 2014) laqghet it-talba tar-rikorrent u ordnat bhala provvediment proviżorju il-helsien tieghu ta' detenzjoni minnkejja li kien gie misjub hati tal-akkuzi migjuba kontrih u ikkundannat ghall-piena ta' habs b'sentenza li ghaddiet in gudikat. F'dik id-decizjoni l-Qorti enuncjat il-principji legali u dottrinali li ggwidaw il-Qrati taghna fil-materja ta' *interim relief* :-

"*Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[1];*

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[2]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[3];*

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha.*

*Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-***regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura** *ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi*

---

[1] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et**

[2] *Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Mamatkulov et vs Turkija*** *(Applik. Nru. 46837/99) § 110*

[3] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et**.

*marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[4], ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni."*[5]

Il-Qorti tabbraccja dawn il-principji u taghmilhom taghha. Huwa minnu li r-rimedju provvdut bl-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni gew applikati ordinarjament fejn hemm periklu ta' hsara irrimedjabbli ghall-hajja jew ghall-inkolumita' fizika kif imfissra fl-artikli 2 u 3 tal-Konvenzjoni (*the core rights).* Fil-ktieb "**A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tghid illi :-

"*As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures."*

Hekk ukoll fil-pag 113 *et seq*. tal-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** (Raba` Edizzjoni – 2006 - Intersentia) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, ighidu –

*"… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, <u>and</u> the omission to take the proposed measures must*

[4] Ara K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § I.021, p. 20 iccitat *post*
[5] Ara Ordni Interim Q.E.D.B. 30.11.1999 fil-kawża **Ocalan vs Turkija** (Applik. 46221/99).

*result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination." (enfasi u sottolinear tal-qorti).*

Illi mill-gurisprudenza ccitata jidher li l-Qrati taghna ma jeskludux *a priori* l-hrug ghall-mizura provizorja meta l-mizura interlokutorja qed tintalab sabiex jigi evitat dannu u pregiudizzju irrimedjabbli anke wara sentenza definittiva. Ir-rimedju kostituzzjonali joffri lic-cittadin l-ahhar, u f'certu kazi, l-unika protezzjoni kontra l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali minnkejja l-legittimita' taghhom skont il-ligi ordinarja tal-pajjiz. Isegwi ghalhekk li din il-Qorti mhix mizmuma milli tikkonsidra talbiet bhal dak odjern fl-ambitu tal-principji legali konvenzjonali.

Illi hija haga mill-ewl id-dinja li l-hrug ta' misura provvisorja tkun necessarja sabiex ir-rimedju li jista' jinghata fis-sentenza finali f'kaz ta' sejbien ta' ksur ikun wiehed effettiv, kapaci li jissana l-vjolazzjoni.

Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qed jilmentaw minn ksur tad-drittijiet taghhom taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. F'kaz analogu din il-Qorti kif diversament presjeduta akkordat talba ghall-hrug ta' mizura interim u ssospendiet l-effetti ta’ mandat ta' zgumbrament (Sent moghti mill-Onor. Imh. Dr. J. Zammit McKeon fil-25 ta’ Jannar 2012, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali **Antida Debattista vs Carmelo Fenech et.**).

**Hsara Irreparabbli.**

Illi r-rikorrenti qed jilmentaw minn ksur tal-jedd taghhom ghas-smigh xieraq fi proceduri li wassal ghall-kundanna ta' zgumbrament mid-dar u minn garaxx. Il-provi ghadhom ma bdewx jitressqu f'dan l-istadju bikri tal-kawza izda huwa wisq evidenti li jekk il-mandat ta' zgumbrament jigi esegwit, din il-Qorti tkun impeduta milli taghti rimedju effettiv f'kaz ta' sejbien ta' ksur tad-dritt invokat.

Madanakollu trid tqies ukoll l-interessi tal-Bank kreditur sabiex id-drittijiet tieghu kif rikonoxxuti fis-sentenza li ghaddiet in gudikat ma jigux imxekkla iktar minn necessarju biex jigi zgurat gudizzju effettiv f'din il-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba u tissospendi l-effetti tas-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc v Anthony Mario Vella et** (Cit 28/10 JA) deciza fid-29 ta' Ottubru 2012 u kkonfermata mill-On. Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2017 u dan sakemm ir-rikorrenti jaghlqu l-provi taghhom fil-kawza tallum. Tirriserva li taghti provvedimenti ulterjuri jekk jidhrilha li jkun xieraq fic-cirkostanzi wara l-gheluq tal-provi tar-rikorrent, jew anke qabel f'kaz li tintwera raguni tajba.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Lulju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Lulju 2018**